ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 12/20 Pubblika**

**Data:** It-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2020
**Ħin:** 5:45 PM
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera (Skużata)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier (Mis-6:45pm)
Roderick Caruana - Kunsillier (Mis-6:07pm)
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

Ma kien hemm ħadd mill-pubbliku

**AĠENDA**

**12.01 Approvazzjoni tal-Minuti;**
**12.02 Rapport ta' Xogħolijiet fil-lokal;**
**12.03 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2021;**
**12.04 Intervent tal-pubbliku;**
**12.05 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**12.06 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**12. 1. Approvazzjoni tal-Minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 1. 1 | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Baldacchino | Il-Minuti 11/20 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |

**12. 2. Rapport ta' Xogħolijiet fil-lokal;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 2. 1 | | Ftuħ mis-Sindku | 1) Ix-xogħol fuq il-Gazebo kważi lest, sar is-civil work, ħitan tad-dawra u pavimentar, żidna l-ħamrija u nżera t-turf naturali.<br><br>2) Ġnien il-Kmandant ix-xogħol huwa lest, nżergħu 800 siġra u arbuxell, sar ir-restawr tal-ġibja, l-irrigazzjoni u qed issir it-tisqija regolari. Hemm bżonn ġardinar sabiex jieħu ħsiebu sabiex ikun jista' jerġa jinfetaħ.<br><br>3) Skate Park - waqafna għal ftit. Iż-żgħażagħ tawna d-disinni tar-rampi u qed nitkellmu mal-Malta Outdoor Sports Association.<br><br>4) Dog Park - sibna ntoppi minħabba l-Lands Authority sabiex tiġi devoluta l-art. Ħadna l-fondi mill-LC Care Fund. Nofs dawn il-fondi ser imorru għad-dog park u n-nofs l-ieħor għal-mediċina u tiswija tal-qtates li jinsabu fit-toroq. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | 5) Żona San Klement ntliet bis-siġar grazzi għal Wirt iż-Żejtun<br><br>6) Ħitan tas-sejjiegħ kellna problema mill-bidu minħabba ntoppi li sibna minn dawk li tefgħu it-tender.<br><br>7) Misraħ Karlu Diacono is-Superintendence of Culture Heritage għamlu oppożizzjoni minħabba li fil-pjazza hemm xelter, oqbra kif ukoll ser tiġi mittifsa l-veduti tal-palazz.<br><br>8) Parkeġġ Misraħ Wistin Abela - dan ix-xogħol fuqu jaf ser ikun hemm problema minħabba xelter li jinsab fil-qrib ħafna ta' din iż-żona. | |
| 12. 2. 3 | | Ġie ppreżentat *Power Point* fejn ta ħarsa lejn il-ħidma li saret matul l-2020 preżentat mis-Sindku fejn elenka l-postijiet bħal Ġnien l-Għannejja Żwieten, Latrini Pubbliċi, Ġnien Mikiel Anton Vassalli, Ġnien iż-Żgħożija, it tlestija tar-resstawr tan-niċċa ta' San Ġużepp, il-bidu tar-Restawr tal-Kappella tas-Salvatur, il-bdil tal-bus shelters, Sqaq Sant' Isidoru fejn sar bil-printed concrete u nbidlu s-servizzi, tħawwil ta' siġar fl-akkwati ta' Strejnu u Ħal Tmin anke minn individwi personali u diversi toroq li saru minn IM bħal Bugħarbiel, Faqqus, Dwiemes, Vjal il-25 ta' Novembru u l-bidu ta' Triq il-Kbira u President Anton Buttiġieġ. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**12. 3. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 3 1 | | Sindku: Slow Streets | Il-Ġimgħa l-oħra is-Sindku u Fenech raw preżentazzjoni mill-perit tar-Reġjun Xlokk fejn ġie identifikat diversi pjazez fejn jistgħu jingħalqu. | Sindku |
| 12. 3 2 | | Sindku: LC Care Fund | Fit-30 ta' Novembru iffirmajna kuntratt fejn ser ningħataw 80% tal-fondi li huma Ko-finanzjati. Sar kuntatt mal-animal welfare sabiex jinġiebu l-vouchers għal *neutering*. | Fenech |
| 12. 3 7 | | Sindku: Proġett Sorġi | Dan huwa proġett fejn wara li jiġu identifikati postijiet storiċi li twaqqgħu maż-żmien u jsir bank li jkun jissimbolizza dak il-bini. | Sindku |
| 12. 3 8 | | Sindku: Laqgħa mar-Reġjun Xlokk | Dan ir-reġjun ser ikun qed jgħin fit-tiżjin tal-Milied, ingħatajna dispenser ghas-sanitizer u 3 bins għal-loqom tas-sigaretti. | Sindku |
| 12. 3 9 | | Sindku: Triq l-Isqof Emm. Galea | Intbgħatet ittra lir-residenti sabiex din it-triq issir one-way. Kellna ilment wieħed minn resident imma spjegajnilu li hemm problema ta' parkeġġ. Ser immexxu kif iddeċidejna. | Sindku |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 3 10 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li kienet sena straordinarja fejn saret għajnuna lil 40 familja u Żejt iż-Żejtun ħa xejra differenti. Ser isir fuljett u jitqassam fl-iskejjel mis-Sindku u Viċi-Sindku. Semmiet li c-Child Care għalaq fit-13 ta' Marzu pero reġa fetaħ u b'xi mod bqajna għaddejjien. | Viċi-Sindku |
| 12. 3 11 | | Kunsilliera | Il-Kunsilliera taw rendikont qasir dwar sena iebsa ħafna li kellna. | |
| 12. 3 12 | | Sepa Payments | Ġie approvat nem.con sabiex il-Kunsill ikun jista' jgħaddi pagamenti fuq is-sistema tal-BOV f'bathces. | |
| 12. 3 13 | | Alarm Tech - kwotazzjoni | Ġiet imressqa kwotazzjoni għall-kameras li tammonta għall-€2700 sabiex jiġu nstallati fi Ġnien iż-Żgħożija. Dawn ġew approvati nem.con sakemm il-LESA jagħmlu l-moniteraġġ ta' dawn il-kameras. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. 3 14 | | Ġbir għall-Istrina | Is-Sindku qalet li ma kinx hemm rispons peress li l-każini u għaqdiet jinsabu magħluqa. Ser isir ġbir mingħand il-ħaddiema tal-Kunsill, Kunsilliera u dak li jinġabar ser jingħata lill-MCCF. | |

**12 3 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2021;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12 3 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2021fejn ta rendikont tad-dħul u l-ħruġ li ser ikollna matul din is-sena. Dawn ġew approvati nem.com | Segretarju Eżekuttiv |

**12. 4. Intervent tal-pubbliku;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 4 1 | | | Ma kinx hemm kummenti peress li ħadd ma attenda għal din il-laqgħa. | |

**12. 7. *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 7. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 12/20 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. 7. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 12/20 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. 7. 3 | | *Petty Cash* - Novembru 2020 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Novembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €38.40 | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. 7. 4 | | Tom Van | Ġie approvat pagament li jammonta għal €2100 peress li ma tniżżilx fl-iskeda ta' pagamenti | |
| 12. 7. 5 | | | | |

**12 9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-8:06pm pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 18 ta' Jannar 2021 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |